

31997D0524

L 215/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.8.1997

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-9 ta' Lulju, 1997****dwar regolament tekniku komuni għall-ħtiġiet ta' applikazzjoni tat-telefonija għal telekomunikazzjonijiet diġitali imsaħħa mingħajr fili (DECT) (it-tieni edizzjoni)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(97/524/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/263/KEE tad-29 ta' April, 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward tagħmir terminali tat-telekomunikazzjonijiet, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tiegħu <sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE <sup>(2)</sup>, u partikolarment it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 6(2) ta' din,

Billi l-Kummissjoni adottat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir terminali li għalih huwa meħtieġ regolament tekniku komuni, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-qasam ta' applikazzjoni assoċjat miegħu;

Billi għandhom ikunu adottati l-istandards armonizzati korrispondenti, jew partijiet minnhom, li jimplimentaw il-ħtiġiet essenzjali li jridu jitbiddlu f'regolamenti tekniċi komuni;

Billi biex tkun żgurata l-kontinwità ta' aċċess għal swieq għal manifatturi, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti disposizzjonijiet transitorji fir-rigward ta' tagħmir approvat skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/472/KE <sup>(3)</sup>;

Billi d-Deċiżjoni 94/472/KE għandha tkun revokata b'effett mitmiem tal-perjodu transitorju;

Billi r-regolament tekniku komuni adottat f'din id-Deċiżjoni huwa bi qbil ma' l-opinjoni ta' ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tagħmir terminali tar-radju ta' telekomunikazzjonijiet diġitali imsaħħa mingħajr fili (DECT) li jaħdem fil-firxa ta' frekwenza minn 1 880 sa 1 900 Mhz maħsub biex jitwāħhal man-network pubbliku tat-

<sup>(1)</sup> ĠU Nru L 128, tat-23.5.1991, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU Nru L 220, tal-31.8.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU Nru L 194, tad-29.7.1994, p. 91.

telekomunikazzjonijiet, u li jidħol fil-qasam ta' applikazzjoni ta' l-istandard armonizzat identifikat fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri il-ħtiġiet ta' l-applikazzjoni tat-telefonija għal tagħmir terminali li għalih jirreferi l-paragrafu 1.

*Artikolu 2*

1. Ir-regolament tekniku komuni għandu jinkludi l-istandard armonizzat mħejjija mill-korp rilevanti ta' standardizzazzjoni li jimplimenta sal-punt safejn ikunu applikabbli l-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(g) tad-Direttiva 91/263/KEE. Ir-riferenza għall-istandard hija mniżżla fl-Anness.

2. Tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-regolament tekniku komuni li għalih jirreferi l-paragrafu 1, għandu jilħaq il-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(a) u (b) tad-Direttiva 91/263/KEE, u għandu jilħaq il-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE <sup>(4)</sup> u 89/336/KEE <sup>(5)</sup>.

*Artikolu 3*

Korpi notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri li għalihom jirreferi l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/263/KEE għandhom, rigward tagħmir terminali kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw l-użu ta' l-istandard armonizzat li għalih jirreferi l-Artikolu 2(1) l-iktar tard fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

1. Id-Deċiżjoni 94/472/KEE għandha tkun revokata b'effett mid-data ta' sitt xhur wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

2. Tagħmir terminali, approvat skond id-Direttiva 94/472/KEE jista' jkompli jitqiegħed fis-suq u jiddaħħal fis-servizz basta iżda li approvazzjoni bħal din tingħata mhux iktar tard minn sitt xhur wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(4)</sup> ĠU Nru L 77, tas-26.3.1973, p. 29.

<sup>(5)</sup> ĠU Nru L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

*Artikolu 5*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, id-9 ta' Lulju, 1997.

*Għall-Kummissjoni*  
Martin BANGEMANN  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

L-ANNESS

**Riferenza għall-istandard armonizzat applikabbli**

L-istandard armonizzat li għaliha jirreferi l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tkun:

Tagħmir u sistemi tar-radju (RES); telekomunikazzjonijiet diġitali imsaħħa mingħajr fili (DECT) ħtiġiet ġenerali għall-konnessjoni terminali; applikazzjonijiet tat-telefonija (GAP)

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-Istandards ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat ta' ETSI

TBR 10, It-Tieni Edizzjoni - Jannar 1997

(minbarra d-daħla)

**Tagħrif addizzjonali**

L-Istitut Ewropew ta' l-Istandards ta' Telekomunikazzjoni huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE<sup>(1)</sup>

L-istandard armonizzat imsemmi hawn fuq kien prodott skond mandat maħruġ bi qbil ma' proċeduri rilevanti fid-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ ta' l-istandard armonizzat imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb mingħand:

Istitut Ewropew ta' l-Istandards ta' Telekomunikazzjoni  
650, Route des Lucioles,  
F-06921 Sophia Antipolis Cedex.

Kummissjoni tal-Komunitajiet  
DGXIII/A/2 - (BU 31, 1/7)  
Rue de la Loi/Wetstraat 200,  
B-1049 Bruxelles/Brussel.

---

<sup>(1)</sup> ĠU Nru L 109, tas-26.4.1983, p. 8.